**11 ta' Diċembru, 1964.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir *Anthony J. Mamo*, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Emmanuele Cremona et

*versus*

John Mizzi ne.

## KUMMISSJONI — PROFITTI — INCOME TAX — DEBITU ILLIKWIDU — INTERESSI

*Ġie ritenut li fin-nuqqas ta' ftehim, l-"income tax" ma tistax titqies bħala "charge against profits", biex jiġi kkalkulat l-ammont ta' kummissjoni ta' funzjonarju, bażat fuq perċentaġġ tan-"net profits".*

*La darba l-ammont tal-bilanċ dovut ikun illikwidu u inċert, fuqu ma jistgħux jiddekorru imgħax.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur, wara li ppremetta illi skond skrittura tas-sitta ta' Ġunju, 1951 (kopja hemm annessa maċ-ċitazjoni Dok. "A") huwa kien intitolat għall-perċentwali ta' tnax u nofs fil-mija fuq il-profitti tal-bejgħ ta' karozzi magħmul mid-ditta konvenuta; u li, skond il-kontijiet mibgħutin lilu mill-istess konvenut, fil-ħamsa (5) ta' Frar, 1953, huwa kien kreditur fis-somma ta' elfejn mitejn u tmenin lira, dsatax-il-xelin u ħames soldi (£2.280.19.5) li minnhom id-ditta konvenuta

ħallset akkont is-somma ta' elf sitta u sittin lira, sbatax-il-xelin u ħames soldi (£1,066.17.5) u li bl-interessi kummerċjali mill-ħamsa ta' Frar, 1953 u bl-interessi kummerċjali kompost. mis-sittta u għoxrin ta' Mejju, 1957 sal-ħamsa ta' Marzu, 1959 il-kreditu tiegħu huwa b'kollox ta' elf. tmien mija sitta u sebgħin lira, għaxar xelini u erba' soldi (£1 876.10.4) kif spjegat aħjar fid-dikjarazzjoni u fil-prospett hemm anness maċ-ċitazzjoni; talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni — il-konvenut jiġi minn dina l-Qorti kundannat iħallsu għar-raġunijiet msemmija, is-somma ta' elf, tmien mija u sitta u sebgħin lira, għaxar xelini u erba' soldi (£1,876.10.4) jew kwalunkwe somma oħra verjuri, akbar jew iżgħar, li tirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, għal bżonn permezz ta' periti nominandi, bl-interessi kummerċjali ulterjuri mil-lum u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-tmientax ta' Frar, 1955 tal-ħamsa u għoxrin ta' Mejju, 1957 u tal-erbatax ta' April, 1958.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha qal li d-domandi tal-attur huma nfondati fil-fatt u fil-liġi billi hu m'għandu jagħtih xejn u għalhekk l-istess talbiet għandhom jiġu miċħuda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine li biha qal li l-azzjoni ta' l-attur hija preskritta bl-egħluq ta' ħames snin fis-sens ta' l-artikolu 2254 tal-Kodiċi Ċivili u bl-applikazzjoni ta' kull preskrizzjoni oħra applikabbili għall-każ.

Rat il-verbal tas-sbatax ta' Ġunju, 1960 minn fejn jirriżulta li l-konvenut nomine rtira l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qabel opposta kif imsemmi.

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tas-sbatax ta' Ġunju,

1960, li bih ġie nominat Perit Tekniku bl-assistenza ta' Perit Legali biex jirrelata fuq it-talba ta' l-attur, wara li jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut u kwindi sabiex jivverif ka u jgħarraf lill-Qorti jekk il-konvenut nomine għandux iħallas xi ħaġa lill-attur għar-raġunijiet indikati fl-att taċ-ċitazzjoni u, f'każ affermattiv, kemm għandu jħallas.

Rat ir-relazzjoni peritali presentata fis-sitta ta' Novembru, 1961 u konfermata fit-tlettin ta' l-istess xahar, kif ukoll il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Perit kif fuq assistit u d-dokumenti lilu presentati.

Rat id-digriet tagħha ta' l-istess Qorti tat-tletin ta' April, 1963 li bih il-proċess ġie remess lill-Perit kif assistit biex, wara li jieħu in konsiderazzjoni dak li qalu l-kontendenti fin-noti tagħhom u dak li jista jirriżultalu mill-provi ġodda li eventwalment jiġu prodotti, jgħid jekk għandux ibiddel xi ħaġa minn dak li ssottometta fir-relazzjoni tiegħu u, f'każ affermattiv, jindika l-istess tibdil.

Rat ir-relazzjoni ulterjuri tal-perit presentata fit-tlettax ta' Novembru, 1963, maħlufa fil-wieħed u għoxrin ta' l-istess xahar u l-verbal tas-seduta miżmuma mal-kontendenti.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-tlettax ta' April, 1964, li biha ddeċidiet billi laqgħet id-domandi attriċi u kkundannat lill-konvenut nomine iħallas lill-attur (illum l-aventi kawża minnhom) għar-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni s-somma ta' elf u tmienja u disgħin lira, żewġ xelini u nofs (£1,098.2.6) bl-imgħax kummerċjali min-notifika tal-ittra uffiċjali tat-tmientax ta' Frar, 1955. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut nomine kwantu għal ħames partijiet minn

sitta (5/6), mentri li l-attur iħallas parti minn sitta (1/6) billi l-ammont minn dan mitlub, li jinfluwixxi fuq it-tassazzjoni hu bażat fuq prinċipj u dati li ma ġewx kollha akkolti — wara li kkunsidrat:—

Il-kawża presenti hija diretta biex jiġi mħallas lill-attur (illum lill-aventi kawża tiegħu) l-ammont li hu jallega li l-konvenut nomine fadallu jħallsu minn dak li kien assuma li jħallsu bl-iskrittura tas-sitta ta' Ġunju, 1951; fil-fatt dina l-iskrittura tirrigwarda ftehim li l-attur kellu mhux mal-konvenut nomine biss (i.e. The Industrial Motor Company), iżda wkoll mad-ditta l-oħra "Mizzi Brothers" hemm indikata: Kontra dina l-aħħar ditta, kif rappresentata minn Spiridione L. Mizzi, l-attur ippomwova wkoll istanza blistess ġurnata b'meritu identiku għall-presenti (neħħi għall-ammont mitlub) b'ċitazzjoni li ġġib in-numru 130 tassena 1959 u li ġiet trattata wkoll ma din, u sejra tiġi llum ukoll deċiża wara l-presenti billi l-provi kollha (b-unika eċċezzjoni tax-xhieda ta' Spiridione Mizzi) saru fil-kawża presenti u fl-oħra saret biss referenza għalihom.

Illi kontra dina d-domanda l-konvenut eċċepixxa li listess m'għandiex tiġi milqugħa għaliex hu m'għandu jagħti xejn lill-attur bla ma semma ebda raġuni għaliex dan hu hekk, nonostanti l-fatt allegat mill-attur li mill-ammont qabel minnhu (i.e. mill-konvenut) ammess ta' elfejn mitejn u tmenin lira, dsatax il-xelin u ħames soldi (£2,280.19.5) dan kien ħallas biss elf u sitta u sittin lira, sbatax il-xelin u ħames osldi (£1,066.17.5). Ir-raġuni ta' dina l-eċċezzjoni pero rriżultat matul it-trattazzjoni tal-kawża u ġiet magħmula tikkonsisti fil-fatt li skond it-teżi konvenuta l-attur ġie mħallas dak kollu (u anzi iżjed minn dan) li

kellu jieħu skond l-imsemmija skrittura tas-sitta ta' Gunju, 1951; hu proprju dan li xehed Spiridione Mizzi fil-kawża l-oħra riferita fis--seduta tal-erbatax ta' Jannar, 1960 meta qal fost affarijiet oħra ". . . l-udituri tiegħi nformawni li m'għandu jieħu xejn (i.e. l-attur) u qaluli biex ma nħallas xejn l-għaliex kien ħa aktar milli kien ħaqqu." Matul il-perizja nbagħad irriżulta li dan l-atteġġjament hu bażat fuq l-intepretazzjoni li l-konvenut jissottometti li għandha tingħata lill-ftehim imsemmi fis-sens li l-kommissjoni dovuta lill-attur trid tiġi kalkolata wara li mill-profitti tad-ditta konvenuta titnaqqas l-Income Tax; kalkolu simili sar mill-uditur tad-ditta konvenuta u ġie presentat lill-Perit biex juri kif l-attur, fuq dina l-bażi, ġie ħa iżjed milli kellu jieħu.

Illi l-Perit tekniku. kif assistit issottometta li dina t-teżi konvenuta m'għandiex tiġi akkolta u kwindi llikwida l-ammont dovut lill-attur u in vista ta' dina l-konklużżjoni qamet in-neċessita li hu jirrelata u fil-fatt irrelata fuq żewġ punti oħra li huma nvoluti fid-domanda attriċi, u li pero fuqhom il-konvenut ma qal xejn in vista ta' l-atteġġjament tiegħu riferit u ċioe (a) id-dekorrenza tal-imgħax fuq l-ammont likwidat favur l-attur, u (b) l-interessi komposti minn dak mitluba. Għall-fini tal-kjarezza sejrin jiġu kunsidrati dawn it-tlett kwistjonijiet separatament u fl-ordni msemmi.

Ikkunsidrat fuq l-ewwel kwistjoni:— (deduzzjoni tat-taxxa fuq l-Income).

Illi dina trid tiġi riżoluta a bażi tal-ftehim bejn il-kontendenti stess reġistrat f-iskrittura, apparti minn diskors li sata għadda bejniethom sussegwentement u f'miżura iżgħar fuq dak li xi ħadd minnhom sata għamel unilateral-

ment. Il-Perit tekniku, kif assistit, wara eżami ta' dak li rriżultalu f'dana s-sens wasal għall-konklużżjoni, kif ġa' ntqal, li t-teżi konvenuta ma tirriżultax fondata u kompla jsostni dina l-veduta anki wara l-kritika li għamel tagħha l-konvenut bin-nota tiegħu tal-ħmistax ta' Mejju, 1962; il-Qorti ma ssibx raġuni biex ma tadottax dina l-konklużżjoni peritali u, oltre dak li hu ssottometta in sostenn ta' dina t-teżi, tgħid ukoll li (a) skond l-iskrittura il-ftehim bejn il-kontendenti jirriżulta li kien beda ferm qabel ma daħal in vigore l-Income Tax Act 1948 (li ġara fl-ewwel ta' Jannar, 1949) u allura l-kommissjoni dovuta lill-attur, bażata fuq in-"net total profits" mill-konvenut nomine, ma setgħatx tiġi relatata ma' taxxa simili; l-istess skrittura pero saret sew wara li dik il-liġi kienet daħlet in vigore u għalhekk, kieku t-teżi konvenuta kellha tiġi ammessa, wieħed kien jistenna li taxxa simili kienet tissemma espressament; intant issemma biss dak li kellu jonqos qabel ma tiġi kalkolata l-kommissjoni (patt numru 6) b'mod li din bdiet tinħadem fuq in-"net profit" (i.e. mhux iżjed "total" bħal qabel) tan-negozju in kwistjoni (b) il-kummissjoni dovuta lill-attur tippartecipa min-natura ta' spisa li normalment tiġi dedotta għal-fini biex jirriżultaw il-profitti li fuqhom titħallas it-taxxa in kwistjoni u kwindi l-istess deduzzjoni trid issir qabel il-ħlas ta' l-istess taxxa; hu difficli wieħed jimmaġina kif, kieku skond it-teżi konvenuta, it-taxxa tkun ġa' likwidata qabel dina d-deduzzjoni, dina d-deduzzjoni tiġi kunsidrata fl-interess tiegħu stess, tkun necessarja reviżjoni tat-taxxa u konsegwenti infużjoni jekk tkun tħallset: barra minn hekk l-attur ikun irceva ammont ġa' dedott b'taxxa li tista' ma tkunx tal-grad applikabbli għalih u l-istess il-posizzjoni tat-taxxa mħallsa fuq il-kummissjoni tiġi riveduta minn dana l-lat ukoll, (c) hu evidenti li l-processi li jridu jsiru skond it-teżi konvenuta, kif għadu kif issemma, mhux biss huma komplikati iżda wkoll inutili

u kontra dak li normalment għandu jsir, u anzi jistgħu jirriżultaw dannusi għall-konvenut stess billi jista' hu stess iħallas b'rata ta' taxxa akbar milli jmissu: jekk wieħed jassumi li dina r-rata tibqa' l-istess, allura ebda differenza ma tirriżulta lill-konvenut jekk il-kummissjoni lill-attur titħallas qabel jew wara t-tnaqqis tat-taxxa mill-profitti tal-konvenut stess billi wara l-kalkoli kollha ta' ħlas ta' taxxa u kummissjoni jibqgħalu l-istess bilanċ mill-profitti tiegħu; issa mhux presumibili li jsir ftehim bla ebda utilita u anqas u anqas li jsir ftehim li jista' jkun ta' dannu lil xi waħda mill-partijiet, u li jikkrea xogħol bla bżonn għaż-żewġ partijiet, (d) anki jekk wieħed jammetti għall-grazzja tal-argument dak li ma jirriżultax, u ċioe li l-konvenut ħallas taxxa fl-interess ta' l-attur (kif qal fin-nota tiegħu u li l-Perit pero kkonfuta fit-tieni relazzjoni), il-konvenut ma' jistax jieħu argument mill-fatt tiegħu stess biex jinterpreta l-ftehim ma l-attur; kif intqal pero mill-perizja ma jirriżultax ħlas simili u anzi jirriżulta l-kuntrarju kif ukoll jirriżulta li l-pagamenti li saru lill-attur saru bla ebda riserva għall-ħlas tat-taxxa in kwistjoni li, hu utili jiġi ripetut, tqajjmet mhux mill-konvenut personalment; iżda mill-udituri tiegħu u naturalment ma kellux interess imur kontra dak li qalulu;

Ikkunsidrat fuq it-tieni kwistjoni (dekorrenza ta' l-imgħax):—

Illi l-Perit, kif assistit, wasal għal konklużjoni li ebda mgħax m'hu dovut fuq l-ammont likwidat ta' elf u tmienja u disgħin lira żewġ xelini u nofs (£1,098.2.6) billi dan l-ammont kien qed jiġi biss likwidat proprju permezz tal-perizja; l-attur ikkritika dina l-konklużżjoni u bin-nota tiegħu tad-disgħa ta' Jannar, 1964 issottometta li jista' jkun hemm każi, fuq li skorta tas-sentenzi ċitati, fejn dana

l-prinċipju jista' jsoffri eċċezzjoni meta l-likwidazzjoni ma tkunx saret tort tad-debitur stess.

Illi bħala fatt il-Qorti tosserva li l-konvenut nomine b'l-ittra tal-ħamsa ta' Frar, 1953 informat lill-attur li l-kommissjoni lilu dovuta kienet tammonta għal elfejn, mitejn u tmenin lira, dsatax-il-xelin u ħames soldi (£2,280.19.5) (evidentement bi żball flok elfejn, mitejn u tnejn u tmenin lira, dsatax-il-xelin u ħames soldi (£2,282.19.5) li pero ma kienx qed jitħallsu sakemm issir il-verifika tas-somom li ma tħallsux mil-l-klijenti fuq in-negozju li fuqhom l-istess kumissjoni kienet ġiet maħduma, u dana skond il-ftehim; m'd-dokumenti jirriżulta li sal-wieħed u tletin ta' Diċembru, 1953 dana l-ammont kellu jitnaqqas bis-somma ta' sitta u disgħin lira, xelin u ħames soldi u in vista tax-xhieda mismugħa saret deduzzjoni ulterjuri fil-wieħed u tletin ta' Diċembru, 1954 ta' għoxrin lira, dsatax il-xelin u sold (£20. 19.1), b'mod li f'dina l-aħħar data l-bilanċ dovut lill-attur kien ridott għal elfejn, mija u ħamsa u sittin lira tmientax-il-xelin u ħdax-il-sold; dana l-bilanċ imbagħad irid jerġa jonqos minħabba l-pagament akkont li sar lill-attur fis-sittax ta' Frar, 1955 (dan kien ta' elfejn lira (£2,000) li minnhom elf u sebgħa usittin lira, sittax-il-xelin u ħames soldi (£1,067.16.5) ġew imputati għall-ammont in kwistjoni) u hekk il-bilanċ finali jirriżulta ta' elf u tmienja u disgħin lira, żewġ xelini u nofs (£1,098.2.6) kif likwidat mill-Perit; minn dika l-aħħar data ta' tnaqqis ta' "bad debts" fil-wieħed u tletin ta' Diċembru, 1954 ma kienx hemm deduzjonijiet oħra, tant li l-konvenut ma għamel ebda osservazzjoni fuq dana l-aspett tal-kwistjoni; id-data tas-sittax ta' Frar, 1955 hija dik meta l-kontendenti ltaqgħu u ddiskutew il-likwidazzjoni ta' bejniethom meta ssemmiet id-deduzjoni tat-taxxa qabel il-kalkolu tal-kommissjoni lill-attur, u dan jumejn wara ppreżenta ittra uffiċjali kontra l-konve-

nut nomine u kkwalifika ħdeja assurda dina l-pretensjoni tagħhom; u tal-bilanċ skond il-kontijiet tal-konvenut stess — nut nomine u kkwalifika bħala assurda dina l-pretensjoni jew suġġeriment permezz ta' awditur u accountant tal-konvenut u talab il-ħlas tal-bilanċ skond il-kontijiet tal-konvenut stess (salva l-verifika relativa) bl-imgħaxijiet.

Illi skond il-patt numru 8 tal-iskrittura il-konvenut nomine kellu jara x'ammonti kienu għadhom dovuti fuq l-operazzjonijiet li fuqhom kienet dovuta l-kommissjoni lill-attur biex ma jħallsux il-kommissjoni fuq l-istess ammonti li kienu għadhom ma tħallsu lill-konvenut stess; dan imbagħad kellu jibda jħallsu fix-xahar skond l-ammont li jirċevi fuq l-istess operazzjonijiet. L-iskrittura hija datata s-sitta ta' Ġunju, 1951 u l-konvenut kellu jipprepara li statements li juru l-kummissjoni dovuta sal-wieħed u tletin ta' Diċembru, 1950 "with as little as possible" u kellu jħallas lill-attur, salva r-riserva tal-perċentwali fuq l-ammonti msemmija, l-ammont li jirriżulta mill-istess statements "soon after completion of such statements;" ma jidherx li l-konvenut għamel dan qabel ma tagħat l-ittra tal-ħamsa ta' Frar, 1953, u skond ma wieħed jifhem id-dokument a fol. 43 l-ammont ta' elfejn mitejn u tnejn u tmenin lira dsatax-il-xelin u ħames soldi (£2,282.19.5) kien jirriżulta dovut sal-imsemmija data tal-wieħed u tletin ta' Diċembru, 1950 billi f'dak id-dokument tnaqqsu biss perċentwalijiet għas-snin ta' wara i.e. 1951 'il quddiem; f'kull każ il-kontijiet u dokumenti kollha li fuqhom setgħu jsiru li "statements" in kwistjoni kienu dejjem a disposizzjoni tal-konvenut nomine.

Illi in vista tal-premess u tal-mod kif ġiet deċiża l-ewwel kwistjoni, wieħed għandu raġonevolment jirritieni li l-ammont dovut lill-attur kien likwidat (ċertament il-konvenut sata' u kien imissu llikwidah ferm qabel) meta ltaqgħu u sar ħlas akkont fis-sittax ta' Frar, 1955; ċertament

mhux argument kontra dina l-likwidazzjoni l-fatt li l-attur irriserva li jivverifika l-kontijiet tal-konvenut, billi l-bilanċ in kwistjoni dovut f'dika d-data (wara l-ħlas li sar) ta' elf u tmienja u disgħin lira, żewġ xelini u nofs (£1,098.2.6) kien jirriżulta m ill-kontijiet tal-konvenut stess u kwindi l-attur kien intitolat għall-ħlas tiegħu, mingħajr b'daqshekk ma jkun japprova l-kontijiet (arg. Art. 391(1) Kod. Proc Ċiv.). Jekk sa dak in nhar il-patijiet ma kienux tkellmu fuq l-imgħax, u ma jistax jingħad li l-attur kien jippretendihom kieku sarlu l-ħlas tal-ammont kollu dik in-nhar; dina l-fehma tiegħu tirriżulta ċara mill-ittra uffiċjali riferita tat-tmientax ta' Frar, 1955, u konsegwentement, la darba l-ammont kien aljura għal kull fini likwidat u ma tħallasx minħabba pretensjoni tal-konvenut li llum ġiet ritenuta nsostenibili, m'hemmx raġuni biex l-imgħax ma jitħallsux min-notifika ta' dik l-ittra uffiċjali.

Ikkunsidrat fuq it-tielet kwistjoni (imgħax fuq l-imgħax).

Illi l-perit tekniku, kif assistit, avolja wasal għall-konklużżjoni li ebda mgħax ma huma dovut lill-attur investita l-kiwistjoni presenti u, fost raġunijiet oħra, semma li l-pretensjoni attriċi mhix sostenibili billi t-talba tiegħu għall-imgħax simili kien 'għamilha biss b'ittra uffiċjali li mhix biżżejjed biex tipproduċi dana l-effett u ċċita s-sentenza riportata fil-Vol. XXI. II, 357; l-attur jidher akkwieta ruħu għal dina l-veduta billi, tħala prinċipju, fl-aħħar tan-nota tiegħu tal-erbatax ta' Diċembru, 1962 isemmi biss l-interessi sempli; il-Qorti taqbel li dawna biss huma dovuti.

Rat in-nota li biha l-konvenut appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata u t-talba ta' l-attur tiġi miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi dik is-sentenza hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet huma tnejn, ċioe, l-ewwel, jekk fil-kalkolu tal-'commission' li kellha titħallas lill-Emmanuele Cremona għandiex issir deduzzjoni ta' l-'income tax' li l-appellant jgħid li ħallas u, t-tieni, suppost li din id-deduzzjoni ma għandiex issir u hu dovut ammont ta' commission lill-attur, minn meta għandhom jiġu akkreditati lilu l-imgħaxijiet fuq dak l-ammont.

Fuq l-ewwel kwistjoni, din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm raġuni għaliex ma għandiex taqbel mal-konklużżjoni raġġunta mill-ewwel Onorabbli Qorti, anki fuq il-parir tal-periti ġudizzjarji nominati minnha. L-argomenti sottomessi lil din il-Qorti mill-għaref avukat ta' l-appellant huma dawk stess li kienu ġa ġew avanzati minnu quddiem l-ewwel Qorti speċjalment fin-nota tiegħu. Dawk ir-raġonamenti ġew kunsidrati kollha anki mill-periti ġudizzjarji li, għar-raġunijiet mogħtija fir-relazzjoni supplementari tagħhom, irriġettawhom, kif, imbagħad, irriġettathom anki l-ewwel Onorabbli Qorti.

Fil-verita din il-Qorti ftit issib x'tistgħa utilment iżżid ma dawk ir-raġonamenti.

Essenzjalment il-pretensjoni ta' l-appellant tinsab ibbażata fuq it-tieni paragrafu ta' l-irċevuta, datata sittax ta' Frar, 1955 u ffirmata minn Emmanuele Cremona. B'dik l-irċevuta Cremona kien iddikjara li rċeva mingħand l-appellant elfejn lira (£2000) "as an advance towards settle-

ment between us in connection with commission due to me from the Firms Messrs. Mizzi Brothers and the Industrial Motor Company:" Imbagħad fit-tieni paragrafu intqal —

> "It is understood that the final amount due to me or by me will be ascertained as soon as possible in view of the Revenue Expenditure involved and still pending, and chargeable against profits for the purpose of the final computation of my commission."

L-appellant isostni illi b'din ir-riferenza li ġiet magħmula għar-"Revenue Expenditure...... chargeable against profit" (1) Kienet intiża riferenza għall-"income tax" u (2) b'hekk Cremona kien qed jirrikonoxxi illi l-'income tax' kellha tiġi dedotta mill-profitti biex setgħat tiġi kalkolata l-'commission' dovuta lilu.

Il-periti ġudizzjarji, għar-raġunijiet mogħtija minnhom, irritenew illi dik ir-riferenza ma kienetx għall-'income tax' imma kienet riferenza għall-'bad debts' ċioe għad-deduzzjoni ta' l-10% fuq il-"bad debts" skond il-klawsola 8 ta' l-"agreement tas-sitta ta' Ġunju, 1951.

Iżda, ankorke għall-grazzja ta' l-argument, kellu jiġi konċess favur l-appellant, illi r-riferenza għall-"Revenue Expenditure" kienet riferenza għall-"income tax", ma jsegwix, fil-fehma tal-Qorti, illi b'daqshekk Cremona kien qiegħed **"jirrikonoxxi"** jew **"jammetti"** illi l-'income tax' kellha tkun dedotta biex jiġi kkalkolat l-ammont ta' l-kumissjoni tiegħu. Difatti "rikonoxximent" jew "ammissjoni" simili huma esklużi mix-xhieda stess ta' Joseph Cost Chretien li fuqha l-appellant tant jagħmel assenjament.

Dik l-irċevuta suppost li saret skond dik ix-xhieda fisseduta tal-ħmistax ta' Frar 1955. F'dik is-seduta — qal

dak ix-xhud — "l-unika kwistjoni bejn il-partijiet kienet jekk kellhomx jitnaqqsu bħala "expenses" l-'income tax' dovuta mid-ditta biex joħroġ in-'net profit' li fuqu Cremona, **skond il-pretensjoni ta' Spiridione Mizzi** kellu jieħu l-kummissjoni. **Cremona kien isostni li l-'income tax' ma kellliex titnaqqas.** F'dik is-seduta ġie mħallas lill-Cremona l-ammont ta' elfejn lira (£2000) akkont **mingħajr preġudizzju ta' dik il-kwistjoni bejniethom. Il-partijiet baqgħu illi meta tiġi deċiża dina l-kwistjoni jirregolaw il-kontijiet tal-'commission on the profits'.**

Issa dana jista jfisser ħaġa waħda biss, ċioe li, talvolta, Cremona kien qed jifhem illi *Spiridione Mizzi* kien qed iħalli mpreġudikata l-kwistjoni ta' l-'income tax', billi hu kien qed jippretendi li kellha ssir id-deduzzjoni, u Cremona, talvolta, ikkonċeda illi dik il-kwistjoni tibqa riservata lil Mizzi, iżda bla ma b'daqshekk Cremona kien qed jaċċetta dik il-pretensjoni, li hu (kif qal Cost Chriteen) kien qed jikkontesta. B'dan il-mod jiftiehem (jekk jiġi aċċettat bħala fatt) dak li qal Cost Chretien illi l-pagament akkont kien qed isir "**mingħajr preġudizzju bejniethom:**" mingħajr preġudizzju, s'intendi, **tat-tnejn** ċioe tant ta' Mizzi, imma wkoll ta' Cremona.

Issa jekk stess tiġi adottata din il-konklużżjoni bħala bażi, jibqa dejjem illi l-appellant irid juri illi l-pretensjoni tiegħu hi legalment valida — apparti ċioe minn kull "ammissjoni" (li ma teżistix) da parti ta' Cremona.

Din il-Qorti taċċetta bħala punto di partenza dak li ssottomettew il-periti ġudizzjarji fuq l-awtorita ċitata minhom ċioe illi, fin-nuqqas ta' ftehim, l-income tax ma tistax titqies bħala "charge against profits" biex jiġi kkalkolat l-ammont ta' kummissjoni ta' funzjonarju bħal ma kien Cre-

mona bażat fuq perċentaġġ tan-"net profits".

L-appellant, fin-nota tiegħu kien semma xi deċiżżjonijiet tal-Qrati Ingliżi in ripulsa ta' l-awtoritajiet ċitati mill-periti ġudizzjarji. Iżda mistoqsi mill-Qorti waqt it-trattazzjoni ta' l-appell jekk hu kienx għadu jrid jieħu xi argument jew jinvoka s-sentenzi ċitati minnu, l-appellant, permezz ta' l-Avukat tiegħu, qal illi ma jinsistix fuqhom.

Assumendo mela illi, biex it-taxxa tista tiġi dedotta, jinħtieġ illi jkun hemm ftehim appożitu, jibqa li wieħed jara jekk dan il-ftehim ġiex pruvat. Il-Qorti fuq dan il-punt ma għandha ebda eżitazzjoni li tgħid illi prova ta' ftehim simili ma saretx, kif ikkonkludew tant il-periti ġudizzjarji kemm l-ewwel Onorabbli Qorti.

Tibqa l-kwistjoni ta' l-imgħax.

L-ewwel Onorabbli Qorti akkordat l-imgħax kummerċjali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-tmientax ta' Frar, 1955. Il-periti ġudizzjarji ma kienux akkordaw imgħax għaliex dehrilhom illi d-debitu dovut mill-kovenut ma kienx likwidu, ċioe, ċert fl-ammont, sa kemm ma ġiex likwidat minnhom stess.

Għad illi din il-Qorti tħoss il-forza tar-raġonamenti ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, ma jidhirliex illi tista taqbel magħha dwar din il-kwistjoni.

Apparti mir-raġunijiet l-oħra kollha msemmijin mill-periti ġudizzjarji fosthom dik illi l-istess attur fiċ-ċitazzjoni, għad illi semma l-ammont li kien jippretendi dovut lilu skond il-kontijiet tal-konvenut, talab, b'dana kollu, "kwalunkwe somma oħra verjuri, akbar jew iżgħar, li tirriżulta

**fit-trattazzjoni tal-kawża, għal bżonn permezz ta' periti nominandi,"** hemm dan il-fatt li fil-fehma tal-Qorti hu fih innifsu fatali għall-pretensjoni ta' l-attur. Li **'statement'** tal-kummissjoni dovuta lill-Cremona, mibgħut mill-konvenut kien datat **ħamsa ta' Frar, 1953.** Fih kien jingħad illi l-konvenut kien ser iżomm il-ħlas ta' dak l-ammont, sa kemm jiġu aċċettati l-krediti mhux inkassati fuq l-operazzjonijiet li fuqhom il-kummissjoni kienet dovuta u li minnhom Cremona kellu jissapporti perċentwali ta' l-10%. Fiċċitazzjoni l-attur jippretenda l-imgħax **mid-data ta' dak li statement**: iżda din il-pretensjoni ma ġietx akkolta anqas mill-ewwel Onorabbli Qorti li, kif, intqal, akkordat l-imgħax biss min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-tmientax ta' Frar. 1955. Ir-raġuni ovvjament kienet illi "ex facie" ta' li statement stess kien jidher illi l-ħlas ma satax u ma kienx ser isir għax kien għad jonqos li jiġi aċċertat dak li kellu jitnaqqas mill-ammont muri fl-statement, skond il-ftehim. Għall-"statement" tal-konvenut kontenenti r-riżerva hawn fuq imsemmija l-attur ma jidherx illi oppona. M'hemmx provi li juru x'ġara — sa kemm saret is-seduta tal-ħmistax ta' Frar, 1955 u ġiet rilaxxjata minn Cremona l-irċevuta datata sittax ta' Frar, 1955.

Issa — u dan hu l-aktar fatt mportanti, fil-fehma tal-Qorti, li għalih sar aċċenn aktar il-fuq — f'dik l-irċevuta Cremona l-ewwelnett iddikjara li rċeva elfejn lira (£2,000) bħala **"advance towards settlement between us in connection with commission due"**, imbagħad żied jgħid:

"It is understood that the final amount due to me or by me will be ascertained as soon as possible in view of the Revenue Expenditure involved and still pending, and chargeable against profits for the purpose of the final computation of my commission."

Minn dana donnu jidher illi, wara l-statement li l-konvenut kien bagħad kif intqal fil-ħamsa ta' Frar, 1953, kienu nqalgħu xi kwistjonijiet bejn il-partijiet, anki jekk dawn il-kwistjonijiet kienu relativi biss għall bad debts, u allura biex ma jibqax f'idejn il-konvenut l-ammont kollu ta' kummissjoni dovut lill-Cremona. iż-żewġ partijiet ftehmu bejniethom li Cremona jitħallas ammont li huma kkalkolaw li bejn wieħed u ieħor kien żgur dovut, salvo li jsiru l-konteġġa finali ta' l-ammont dovut lilu jew mingħandu meta jiġu riżoluti dawk il-kwistjonijiet.

Ġa la darba Cremona aċċetta dan l-arranġament anki jekk talvolta il-konvenut jew l-uditur tiegħu wara qanqlu kwistjonijiet li ma kienux fil-kontemplazzjoni ta' Cremona meta ffirma dik l-irċevuta, hu ma satax, fil-fehma tal-Qorti, jumejn wara jippretendi, kif għamel bl-ittra uffiċjali tiegħu tat-tmientax ta' Frar, 1955, il-ħlas tal-bilanċ li kien jidher mill-"statement" tal-konvenut ta' sentejn qabel (u li anki fih stess kien hemm, kif intqal, riżerva apparentement aċċettata minnu) u jippretendi li minn dik in-nhar ta' dik i-ittra uffiċjali jiddekorru l-imgħax. Iż-żewġ ittri uffiċjali li i-attur bagħat wara, fil-ħamsa u għoxrin ta' Mejju, 1957 u fl-erbatax ta' April, 1958, anqas setgħu jbiddlu l-posizzjoni billi jinvokaw l-"statement" tal-ħamsa ta' Frar, 1953.

Il-fatt baqa illi, bl-irċevuta firmata minnu fis-sittax ta' Frar 1955, Cremona ftiehem u aċċetta illi l-bilanċ talvolta lilu kien għad irid jiġi aċċertat almenu fl-ammont jekk il-verifiki li kien għad iridu jsiru kienu jirrigwardaw biss il-"bad debts", u, anki fl-eżistenza, jekk il-verifiki kienu jirrigwardaw ukoll il-kwistjoni tad-deduzzjoni ta' l-'income tax'.

Fir-riċevuta jingħad illi l-verifiki hemm imsemmija

kellhom isru "as soon as possible:" iżda anki jekk il-konvenut naqas li jieħu passi hu biex dawk il-verifiki jsiru. dan ma kienx jintitola lill-attur li jġiegħel, sempliċement bi li jippretendi l-ħlas, l-imgħax jiddikorru, iżda kien jintitolah li hu stess jadixxi l-Qorti biex il-kwistjonjiet ta' bejnithom jiġu riżoluti u l-ammont *dovut lilu jiġi hekk aċċettat* — kif fl-aħħar għamel biċ-ċitazzjoni fil-kawża preżenti.

Sa kemm ingħatat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti li risolviet dawk il-kwistjonijiet l-ammont tal-bilanċ dovut baqa illikwidu u nċert fuqu kwindi, fil-fehma tal-Qorti, ma setgħux jiddekorru mgħax.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi tikkonferma s-sentennza appellata in kwantu kkundannat li l-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elf, tmienja u disgħin lira, *żewġ xelini u sitt soldi* (£1 098.2.6) u f'dan issens tiċħad l-appell tal-konvenut, u tirrevoka dik is-sentenza in kwantu ordnat li l-ammont fuq imsemmi jitħallas bl-imgħax kummerċjali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tattmientax ta' Frar, 1955 u in kwantu ordnat li l-ispejjeż jitħallsu 5/6 mil-konvenut u 1/6 mill-attur, billi tordna illi *fuq l-ammont fuq imsemmi għandu jiddekorri l-imgħax* mid-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti u li l-ispejjeż ta' prim' istanza jitħallsu 5/9 mill-konvenut u 4/9 mill-attur — u f'dan is-sens limitat tilqa l-appell tal-konvenut.

L-ispejjeż ta' l-appell jitħallsu 2/3 mill-konvenut u terz mill-attur.